



Brussell, 14 ta' Lulju 2023
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0210(COD)

11794/23
ADD 1

CODEC 1359
TRANS 310
MAR 98
ENV 845
ENER 444
IND 389
COMPET 758
ECO 57
RECH 352

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni għall-minuti mir-Repubblika tal-Awstrija

B'mod ġenerali, ir-Regolament FuelEU Maritime jirrappreżenta pass importanti lejn id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport marittimu. L-Awstrija hija favur il-miri ambizzjużi u tilqa' bi pjaċir it-tnaqqis oġhla tal-gassijiet serra u s-subkwota miżjuda fir-rigward tal-RFNBOs. Madankollu, f'dan il-kuntest il-klawżola ta' ekwivalenza titqies bħala problematika għaliex iddgħajjed dan il-livell ta' ambizzjoni u tippermetti l-użu ta' "fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" biex tintlaħaq din is-subkwota. L-inklużjoni ta' dawn il-fjuwils toħloq kuntrast qawwi mal-livell ta' ambizzjoni meħtieġ u l-kisba tal-miri klimatiċi stabbiliti.

L-Awstrija tesprimi d-dispjaċir tagħha dwar l-inklużjoni tal-klawżola ta' ekwivalenza, li tagħmilha possibbli li "l-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" jingħaddu biex tintlaħaq is-subkwota tal-RFNBOs, iżda, fl-ispirtu ta' kompromess, tista' taqbel mat-test ta' kompromess.